MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 977/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Micallef)**

**vs**

**John Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-imputat John Tabone bin Joseph u Gerit nee` Pace mwieled Zejtun, detentur ta' karta tal-identita` numru 520642(M), akkuzat talli:

Fl-4 ta' Novembru 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu li jiskru l-stess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur jew persuna responsabli mill-fond 16, St Philip Street, B'Bugia, b'mezzi

qarrieqa, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont;

Fl-stess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku li jeccedi Lm100 izda mhux l-Lm1000.

Il-Qorti miltuba li l-imputat ihallas l-spejjez tal-esperti mahtura.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema somamrjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrisulta li minn spezzjoni ghall-gharrieda li saret mill-addetti tal-Korporazzjoni Enemalta fuq il-meter tal-elettriku installat fil-fond 16, Apaprtamenti 1 u 2 fi Triq San Gilippu, Birzebbuga, irrizulta li l-meter kien qieghed jigi mqabbez b'wire ta' kulur isfar u ahdar ikkomunikat minn mal-main tas-'service box', ghall-'main switch' tal-stess fond b'dan illi l-maggior parti tal-konsum tal-elettriku li kien qieghed jigi kkunsmat ma kienx qed jigi registrat fuq il-meter. Oltre dan irrizulta li s-sigill tas-'service box', relattiva kien nieqes.

Illi l-Artikolu 264 tal-Kap 9 jixhed presunzjoni fil-kaz ta' ksur inter alia ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill jew ta' xi meter, jew fil-kaz tal-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista` jkollu l-uzu jew il-konsum illegittuimu ta' kurrent elettriku jew li bihom jista` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew mmarkar fil-meter tal-kwantita` mehuda jew kkunsmata, fuq id-

detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond li allura tkun tenuta hi li tipprova li ma kinitx taf bl-uzu jew konsum illegali.

Fil-kaz odjern huwa fatt ammess mill-stess imputat li hu l-propjetarju taz-zewg apaprtamenti. Jirrizulta wkoll minghajr dubbju l-mezzi qarrieqa.

Issa fil-kuntest ta' dan kollu u mill-assiem tal-provi kollha mismugha lil din il-Qorti ma jidhirlix li l-imputat rnexxa fil-prova sal-grad tal-probabli kif tenut biex jehles mill-presunzjoni mixhuta fuqu.

Ghalhekk issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda mhux tat-tieni li ma tirrizultax. Rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 270, 279 u 280 u tikkundannah multa ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------